MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**GABRIELLA VELLA**

Seduta tat-30 ta' Jannar, 2014

Numru 100/2014

**Il-Pulizija**
**(Spettur Daryl Borg)**

**Vs**

**Dominic Sant**

**Il-Qorti,**

Rat l-akkuzi migjuba fil-konfront ta’ Dominic Sant, iben Carmelo u Josephine nee’ Cutajar, imwieled Pieta’ fl-1 ta’ Gunju 1980 u residenti gewwa 14, Dusfim Court, Flat 4, Triq San Gwann tal-Ghorghar, San Gwann, u detentur tal-Karta ta’ l-Identita’ bin-Numru 265480(M), talli nhar is-26 ta’ Jannar 2014 gewwa San Gwann u f’dawn il-Gzejjer:

1. Bil-hsieb li jaghmel delitt cioe’ minghajr il-hsieb li joqtol jew li jqieghed il-hajja fil-periklu car, permezz ta’ xi arma regolari jew irregolari, strument jew ghodda ohra, ittanta jikkommetti ferita ta’ natura gravi fuq il-persuna ta’

Joshua Mifsud u wera dan il-hsieb b'atti esterni u ta bidu ghall-ezekuzzjoni tad-delitt liema delitt ma giex esegwit minhabba xi haga accidentali u indipendenti mill-volonta tieghu;

2. Kif ukoll talli kkaguna feriti ta' natura hafifa fuq Joshua Mifsud hekk kif iccertifikat minn Dr.Monica Camilleri M.D., detentrici ta' Numru tar-Registru Mediku 3377, gewwa d-Dipartiment tas-Sahha Primarja, Floriana;

3. U aktar talli volontarjament hassar, ghamel hsara jew gharraq hwejjeg haddiehor, mobbli jew immobbli cioe' vettura tal-ghamla BMW bin-numru ta' registrazzjoni IAM-508 ghad-detriment ta' Joshua Mifsud, Maria Dolores Sant u/jew persuni ohra fejn l-ammont tal-hsara tiskorri l-elf mija u sittin Euro u disgha u sittin centezmu (€1,164.69);

4. U aktar talli fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi garr 'il barra minn xi fond jew id-ditorni tieghu xi sikkina jew strument li jaqta' jew bil-ponta, ta' liema xorta jkun, minghajr ma kellu licenzja jew permess minghand il-Kummissarju tal-Pulizija;

5. Talli fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi ingurja jew hedded lil Joshua Mifsud u lil Maria Dolores Sant;

6. Talli fl-istess data, hin, lok, u cirkostanzi volontarjament kiser il-bon-ordni jew il-kwiet tal-pubbliku;

Rat it-talba tal-Prosekuzzjoni sabiex il-Qorti, jekk jidhrilha xieraq, tipprovdi ghas-sigurtà ta' Joshua Mifsud u ta' Maria Dolores Sant jew biex tinzamm l-ordni pubblika jew ghall-iskop ta' protezzjoni taghhom minn fastidju jew imgieba ohra li tikkaguna biza' ta' vjolenza;

Rat id-dokumenti esebiti fl-atti ta' dawn il-proceduri;

Semghet lill-imputat jiddikjara li ma ghandux oggezzjoni li l-kaz tieghu jigi trattat bil-procedura sommarja u jammetti ghall-akkuzi migjuba kontra tieghu u dana minkejja il-fatt li din il-Qorti, a tenur ta' l-Artikolu 453(1) tal-Kap.9 tal-Ligijiet ta' Malta, avzat bl-iktar mod solenni lill-imputat bil-konsegwenzi legali ta' dik it-twegiba tieghu u ikkoncedietlu zmien bizzejjed biex jerga' jikkonsidra t-twegiba tieghu u jerga' lura minnha;

Semghet is-sottomissjonijiet tal-Prosekuzzjoni u tad-Difiza dwar il-piena u nnotat li entrambe ddikjaraw li fic-cirkostanzi ta' dan il-kaz il-piena idoneja tkun wahda karcerarja sospiza ai termini tal-Ligi;

**Ikkunsidrat:**

L-imputat qed jigi akkuzat tallinhar is-26 ta' Jannar 2014 gewwa San Gwann u f'dawn il-Gzejjer: (i) bil-hsieb li jaghmel delitt cioe' minghajr il-hsieb li joqtol jew li jqieghed il-hajja fil-periklu car, permezz ta' xi arma regolari jew irregolari, strument jew ghodda ohra, ittanta jikkommetti ferita ta' natura gravi fuq il-persuna ta' Joshua Mifsud u wera dan il-hsieb b'atti esterni u ta bidu ghall-ezekuzzjoni tad-delitt liema delitt ma giex esegwit minhabba xi haga accidentali u indipendenti mill-volonta tieghu; (ii) kif ukoll talli kkaguna feriti ta' natura hafifa fuq Joshua Mifsud hekk kif iccertifikat minn Dr.Monica Camilleri M.D., detentrici ta' Numru tar-Registru Mediku 3377, gewwa d-Dipartiment tas-Sahha Primarja, Floriana; (iii) u aktar talli volontarjament hassar, ghamel hsara jew gharraq hwejjeg haddiehor, mobbli jew immobbli cioe' vettura tal-ghamla BMW bin-numru ta' registrazzjoni IAM-508 ghad-detriment ta' Joshua Mifsud, Maria Dolores Sant u/jew persuni ohra fejn l-ammont tal-hsara tiskorri l-elf mija u sittin Euro u disgha u sittin centezmu (€1,164.69); (iv) u aktar talli fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi garr 'il barra minn xi fond jew id-ditorni tieghu xi sikkina jew strument li jaqta' jew bil-ponta, ta' liema xorta jkun, minghajr ma kellu licenzja jew permess minghand il-Kummissarju tal-Pulizija; (v) talli fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi ingurja jew hedded lil Joshua Mifsud u lil Maria Dolores Sant; u (vi) talli fl-istess data, hin, lok, u cirkostanzi volontarjament kiser il-bon-ordni jew il-kwiet tal-pubbliku.

L-imputat ammetta ghall-akkuzi kollha dedotti fil-konfront tieghu u fid-dawl ta' tali ammissjoni l-Qorti ssibu hati ta' l-akkuzi kollha hekk dedotti kontrih.

Ghall-finijiet ta' piena l-Qorti hadet in konsiderazzjoni l-fatt li l-imputat irregistra ammissjoni fi stadju bikri ta' dawn il-proceduri u l-fatt li l-Prosekuzzjoni u d-Difiza entrambe

ddikjaraw li fic-cirkostanzi ta' dan il-kaz il-piena idoneja tkun wahda karcerarja sospiza ai termini tal-Ligi. In oltre hadet in konsiderazzjoni wkoll il-fatt li ir-reati li bihom qed jigi akkuzat l-imputat jirrizultaw kollha mill-istess fatt u ghalhekk ir-reati minuri ghandhom jigu assorbiti fir-reat l-iktar gravi.

Ghaldaqstant wara li rat u kkunsidrat l-Artikoli 31, 41(1), 214, 217, 221(2), 325(1)(a), 338(dd) u 339(e) tal-Kap.9 tal-Ligijiet ta' Malta u l-Artikoli 6 u 51(7) tal-Kap.480 tal-Ligijiet ta' Malta, filwaqt li ttenni li qed issib lill-imputat hati ta' l-akkuzi kollha dedotti fil-konfront tieghu, tikkundannah ghall-perijodu ta' sentejn (2) prigunerija, izda peress illi fil-fehma taghha fic-cirkostanzi ta' dan il-kaz jissussitu ragunijiet validi in bazi ghal liema tali terminu ta' prigunerija jigi sospiz ai termini tal-Ligi, a tenur ta' l-Artikolu 28A tal-Kap.9 tal-Ligijiet ta' Malta tissosspendi dan it-terminu ta' sentejn (2) prigunerija ghall-perijodu ta' sentejn (2) b'effett millum.

A tenur ta' l-Artikolu 28(A)(4) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta l-Qorti spiegat lill-imputat bi kliem car ir-responsabilità tieghu taht l-Artikolu 28B tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta jekk huwa jikkommetti, matul il-perijodu operattiv ta' din is-sentenza sospiza, reat li ghalih hemm piena ta' prigunerija.

Ai termini ta' l-Artikolu 382A tal-Kap.9 tal-Ligijiet ta' Malta l-Qorti qed taghmel Ordni ta' Trazzin fil-konfront ta' l-imputat ghall-fini li tipprovdi ghas-sigurtà ta' Joshua Mifsud u Maria Dolores Sant, b'dana li l-imputat qed jigi projbit milli javvicina jew b'xi mod isegwi l-movimenti ta' Joshua Mifsud u Maria Dolores Sant ghal perijodu ta' sentejn (2) mid-data ta' din is-sentenza, u dana kif rifless fid-Digriet ta' Ordni ta' Trazzin moghti llum stess u anness ma' din is-sentenza, li taghha jifforma parti integrali. Il-Qorti spiegat lill-imputat bi kliem car il-konsegwenzi jekk minghajr skuza ragonevoli jikser il-projbizzjoni imposta fuqu u cioè li a tenur ta' l-Artikolu 382A(3) tal-Kap.9 tal-Ligijiet ta' Malta jekk jinstab hati jista' tehel multa ta' elfejn tlett mija disgha u ghoxrin Euro u sebgha u tletin

centezmu (€2,329.37) jew prigunerija ta’ mhux izjed minn sitt xhur jew il-multa u prigunerija flimkien.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------